



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0103/2010**

26.3.2010

# RAPPORT

dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri  
(2009/2104(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Andres Perello Rodriguez

PR\_INI

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	11
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	14
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	17

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-  
Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri  
(2009/2104(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant (COM(2008)0818),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem 'Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri' (COM(2008)0819),
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar it-Trapjant ta' Organi Umani,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u l-Protokoll Addizzjonali tagħha dwar it-Trapjant ta' Organi u Tessuti ta' Orġini Umana,
  - wara li kkunsidra l-Konferenza dwar is-Sikurezza u l-Kwalità fid-Donazzjoni u t-Trapjant tal-Organi fl-Unjoni Ewropea li ġiet organizzata f'Venezja fis-17-18 ta' Settembru 2003,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tal-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0103/2010),
- A. billi attwalment, fl-UE, hemm 56 000 pazjent li qegħdin jistennew donatur kompatibbli ta' organi u huwa stmat li 12-il persuna jmutu kuljum huma u jistennew trapjant ta' organu solidu,
- B. billi l-bżonnijiet tal-pazjenti li qed jistennew trapjant fl-Ewropa mhumiex qegħdin jiġu ssodisfatti minħabba n-numru limitat ta' organi disponibbli kemm minn donaturi mejtin, kif ukoll minn donaturi altruwisti haġġin,

---

<sup>1</sup> ĠU L 102, 7.4.2004, p.48.

- C. billi jeżistu differenzi wiesgħa bejn l-Istati Membri fir-rati tad-donazzjoni ta' organi minn persuni mejta li jvarjaw minn 34.2 donaturi għal kull miljun tal-popolazzjoni (pmp) fi Spanja sa 1.1 pmp fil-Bulgarija, u l-iskarsezza tal-organi tirrappreżenta fattur ewlieni li jolqot il-programmi tat-trapjanti,
- D. billi l-politiki nazzjonali u l-qafas regolatorju għad-donazzjonijiet u għat-trapjant ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri minħabba l-preżenza ta' fatturi ġuridiċi, kulturali, amministrattivi u organizzattivi differenti,
- E. billi d-donazzjoni u t-trapjant ta' organi huma kwistjonijiet sensitivi u kumplessi, b'dimensjoni etika importanti, li jeħtieġu l-parteċipazzjoni totali tas-soċjetà għall-iżvilupp tagħhom, kif ukoll l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti kollha,
- F. billi t-trapjant ta' organi jagħti l-possibbiltà li jiġu salvati n-nies, joffri kwalità tal-ħajja aħjar, u (fil-każ tat-trapjant tal-kliewi) għandu l-aħjar proporzjon bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji meta mqabbel ma' terapiji oħra ta' sostituzzjoni, kif ukoll iżid il-possibbiltajiet għall-pazjenti biex jieħdu sehem fil-ħajja soċjali u tax-xogħol,
- G. billi l-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri diġà huwa prassi komuni, minkejja li jeżistu differenzi kbar fl-għadd ta' skambji transkonfinali ta' organi bejn l-Istati Membri; u billi l-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri ġie ffaċilitat bis-saħħa tal-organizzazzjonijiet ta' skambju internazzjonali bħal Eurotransplant u Scandiatransplant,
- H. billi attwalment ma teżisti la *database* li tkopri t-totalità tal-Unjoni Ewropea li tinkludi informazzjoni dwar l-organi maħsuba għad-donazzjoni u għat-trapjant u dwar id-donaturi ħajjin jew mejtin, u lanqas, barra minn hekk, sistema pan-Ewropea ta' ċertifikazzjoni li tagħti prova tal-legalità tal-organi u tat-tessuti umani,
- I. billi Spanja u ftit Stati Membri oħra biss irnexxielhom iżidu b'mod sinifikanti n-numru ta' donazzjonijiet minn persuni mejta, u ntweru li dawn iż-żidiet huma marbuta mal-introduzzjoni ta' ċerti Prattiki organizzattivi li jippermettu li s-sistemi jidentifikaw id-donaturi potenzjali u jimmassimizzaw l-għadd ta' persuni mejta li jsiru donaturi effettivi,
- J. billi d-Direttiva 2004/23/KE se ttiprovdi qafas ġuridiku ċar għad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi fl-Unjoni Ewropea, bil-konsegwenza li f'kull Stat Membru se tinħoloq jew tintgħażel awtorità nazzjonali kompetenti biex tiggarrantixxi l-konformità mal-istandards tal-kwalità u tas-sikurezza tal-UE,
- K. billi t-traffikar tal-organi u tal-bnedmin bil-għan li jitneħħulhom l-organi jikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem,
- L. billi teżisti rabta qawwija bejn it-traffikar ta' organi illegali u t-traffikar ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi minn naħa waħda u s-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi min-naħa l-oħra minħabba li, l-ewwel nett, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' organi fis-sistema legali jaġixxi bħala inċentiv għall-attivitajiet illegali, u, it-tieni nett, l-attivitajiet illegali jikkompromettu bil-kbir il-kredibbiltà tas-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi,
- M. billi r-rati ta' rifjut għad-donazzjoni tal-organi jvarjaw ħafna fl-Ewropa, u li din il-varjabbiltà tista' tiġi spjegata permezz tal-livell ta' taħriġ u għarfien espert tal-

professjonisti f'termini ta' komunikazzjoni u assistenza lill-familji, tal-approċċi leġiżlattivi differenti għall-kunsens għad-donazzjoni ta' organi u l-implimentazzjoni Prattika tagħhom, kif ukoll fatturi importanti oħra ta' natura kulturali, ekonomika jew soċjali li jinfluwenzaw il-perċezzjoni tas-soċjetà fir-rigward tal-vantaġġi tad-donazzjoni u tat-trapjant,

- N. billi d-donazzjoni minn persuni ħajjin tista' tkun miżura addizzjonali utli għall-pazjenti li ma jistgħux jiksbu l-organu li għandhom b'zonn permezz tat-trapjant postmortem, iżda billi jeħtieġ li jiġi enfasizzat li d-donazzjoni minn persuni ħajjin tista' titqies biss jekk tiġi eskluża kwalunkwe attività u ħlas illegali għad-donazzjoni,
  - O. billi l-intervent fil-qasam tas-saħħa jista' jitwettaq biss wara li l-persuna kkonċernata tkun tat il-kunsens liberu u infurmat għalih; billi dik il-persuna għandha tingħata minn qabel informazzjoni adegwata f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskop u n-natura tal-intervent, kif ukoll dwar il-konsegwenzi u r-riskji li jinvolvi; u billi l-persuna kkonċernata tista', fi kwalunkwe ħin, tirtira liberament il-kunsens,
  - P. billi l-Istati Membri jridu jiggarantixxu li l-organi maħsuba għat-trapjant ma jineħhewx mill-persuna mejta sakemm din il-persuna tkun ġiet iċċertifikata bħala mejta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali,
  - Q. billi d-donazzjoni minn persuni ħajjin għandha tkun kumplimentari għal dik minn persuni mejta,
  - R. billi l-użu ta' organi għal finijiet terapewtiċi jinvolvi riskju ta' trasmissjoni ta' mard infettiv jew ta' xorta oħra,
  - S. billi l-fatt li l-persuni qegħdin jgħixu għal iktar żmien qed iservi biex tonqos il-kwalità tal-organi disponibbli, li f'ħafna każijiet qed iwassal għal tnaqqis fin-numru ta' trapjanti, inkluż f'dawk l-Istati Membri li fihom in-numru ta' donaturi qed jiżdied,
  - T. billi s-sensibilizzazzjoni u l-opinjoni pubblika jiżvolġu rwol importanti ferm biex jiżdedu r-rati ta' donazzjoni tal-organi,
  - U. billi l-ħidma li ssir minn organizzazzjonijiet tal-karità u organizzazzjonijiet volontarji oħra fl-Istati Membri żżid is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tad-donazzjoni ta' organi, u billi l-isforzi tagħhom, fl-aħħar mill-aħħar, jikkontribwixxu għal żieda fin-numru ta' persuni mniżżla f'reġistri ta' donaturi ta' organi,
1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015) adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2008, li jistabbilixxi approċċ ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-forma ta' ġabra ta' azzjonijiet ta' priyorità, abbażi tal-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' għanijiet komuni u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' donazzjoni u ta' trapjant permezz ta' indikaturi maqbula li aktarx jgħinu fl-identifikazzjoni ta' punti ta' referenza u l-aħjar prassi;
  2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-insuffiċjenza ta' organi umani disponibbli għat-trapjant biex iwiegħbu għall-bżonnijiet tal-pazjenti; jirrikonoxxi li l-iskarsezza gravi ta' donaturi ta' organi tibqa' ostaklu ewlieni li jimpedixxi l-iżvilupp sħiħ tas-servizzi tat-trapjanti u l-isfida prinċipali li l-Istati Membri jridu jħabbtu wiċċhom magħha fir-rigward tat-trapjant ta'

organi;

3. Jieħu nota tas-suċċess tal-iskemi li permezz tagħhom iċ-ċittadini jingħataw l-għażla li jinkitbu direttament f'reġistru ta' donaturi ta' organi huma u jimlew ċerti proċeduri amministrattivi, bħall-applikazzjoni għal passaport jew għal liċenzja tas-sewqan; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jesploraw l-adozzjoni ta' skemi bħal dawn bil-għan li jżied in-numru ta' persuni mniżżla f'reġistri ta' donaturi;
4. Iqis li biex jiġi garantit li l-organi disponibbli għal finijiet terapewtiċi ma jinħlewx, huwa importanti li jkun hemm qafas ġuridiku ddefinit biċ-ċar rigward l-użu tagħhom u li s-soċjetà jkollha fiduċja fis-sistema tad-donazzjonijiet u t-trapjanti;
5. Jinnota l-importanza tal-aspetti organizzattivi tal-ksib ta' organi u jenfasizza li l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prassi fost l-Istati Membri se jgħin lill-pajjiżi b'disponibbiltà ta' organi baxxa biex jgħollu r-rati tagħhom ta' donazzjoni, kif jidher, pereżempju, mill-implimentazzjoni ta' elementi tal-Mudell Spanjol f'pajjiżi differenti, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, li rnexxielhom jgħollu r-rati ta' donazzjoni ta' organi;
6. Jenfasizza li l-bidliet fl-organizzazzjoni tad-donazzjoni u l-ksib ta' organi jistgħu sostanzjalment jgħollu u jżommu r-rati ta' donazzjoni ta' organi;
7. Jenfasizza li l-identifikazzjoni tad-donaturi potenzjali tqieset waħda mill-fażijiet fundamentali fil-proċess tad-donazzjoni minn persuni mejta; jisħaq fuq il-ħatra ta' persuna ċentrali għad-donazzjonijiet fl-livell ta' sptar (il-koordinatur tad-donaturi tat-trapjanti), li l-għan prinċipali tagħha huwa li tiżviluppa programm proattiv ta' identifikazzjoni tad-donaturi u li tottimizza l-proċess kollu tad-donazzjoni tal-organi, tikkostitwixxi l-aktar pass importanti lejn it-titjib tar-rati tal-identifikazzjoni tad-donaturi u tad-donazzjoni ta' organi;
8. Jieħu nota tal-importanza tal-iskambju transkonfinali ta' organi, minħabba l-ħtieġa li d-donaturi u r-riċevituri jridu jkunu jaqblu u l-importanza konsegwenti ta' ġabra kbira ta' donaturi biex tkopri l-bżonnijiet tal-pazjenti kollha fil-listi ta' stennija; iqis li jekk ma jkun hemm l-ebda skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, il-pazjenti li jkollhom bżonn kombinazzjoni rara jkollhom probabbiltajiet ferm baxxi li jsibu organu, filwaqt li fl-istess ħin id-donaturi speċifiċi ma jkunux ikkunsidrati billi ma jkunx hemm riċevitur kompatibbli fuq il-listi ta' stennija;
9. Jilqa' l-attivitajiet ta' Eurotransplant u Scanditransplant, iżda jinnota li l-iskambji ta' organi barra minn dawn is-sistemi u bejniethom jistgħu jitjiebu konsiderevolment, speċjalment għall-benefiċċju tal-pazjenti f'pajjiżi żgħar;
10. Jisħaq fuq il-fatt li t-twaqqif ta' standards komuni vinkolanti tal-kwalità u s-sikurezza se jkunu l-uniku mekkaniżmu li jista' jiggarantixxi livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fl-UE kollha;
11. Jenfasizza li d-donazzjoni għandha tkun volontarja u bla ħlas, u ssir f'kuntesti ġuridiċi u etiċi definiti biċ-ċar;
12. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu li tkun definita biċ-ċar il-bażi ġuridika biex

tiżgura kunsens jew oġġezzjoni validi għad-donazzjoni ta' organi minn persuna mejta jew mill-familjari tagħha;

13. Japprova miżuri li jimmiraw biex iħarsu donaturi ħajjin u li jiżguraw li d-donazzjoni ta' organi ssir b'sens altruwistiku u volontarju, mingħajr l-ebda ħlas għajr kumpens li jkun strettament limitat biex ipatti għall-ispejjeż imġarrba fid-donazzjoni ta' organu, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, spejjeż għal servizzi li jieħdu ħsieb it-tfal, telf ta' dħul jew spejjeż għall-irkupru, u li jiġi projbit kwalunkwe inċentiv jew żvantaġġi finanzjarji għal donatur potenzjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li bihom jingħata l-kumpens;
14. Jisħaq fuq il-fatt li t-twaqqif ta' sistemi operattivi strutturati tajjeb u l-promozzjoni ta' mudelli ta' suċċess fuq livell nazzjonali għandhom importanza enormi; jissuġġerixxi li s-sistemi operattivi għandhom jinkludu qafas ġuridiku adegwat, infrastruttura teknika u loġistika u sostenn organizzattiv akkumpanjat b'sistema effikaċi ta' allokkazzjoni;
15. Jistieden lill-Istati Membri biex jipromwovu l-iżvilupp ta' programmi għat-titjib tal-kwalità għad-donazzjoni ta' organi f'kull sptar fejn jeżisti potenzjal għad-donazzjoni ta' organi, bħala l-ewwel pass, abbażi ta' awtoevalwazzjoni tal-proċess kollu tad-donazzjoni ta' organi minn speċjalisti fil-kura intensiva u l-koordinatur tat-trapjanti f'kull sptar, iżda li jfittxu l-komplementarjetà ma' verifiki esterni għaċ-ċentri, f'każ li dan ikun meħtieġ u fattibbli;
16. Jisħaq fuq il-fatt li l-edukazzjoni kontinwa għandha tiffurma parti essenzjali mill-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri kollha rigward din il-kwistjoni; partikolarment, jissuġġerixxi li n-nies għandhom ikunu inkoraġġuti jitkellmu dwar id-donazzjoni ta' organi u jikkomunikaw ir-rieda tagħhom dwar id-donazzjoni lill-familjari tagħhom; jinnota li 41% biss taċ-ċittadini Ewropej jidhru li ddiskutew id-donazzjoni ta' organi mal-familji tagħhom;
17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffavorixxu d-dikjarazzjoni ta' rieda espressa minn persuni ħajjin bil-possibbiltà għalihom li jinkitbu mill-internet f'reġistru ta' donaturi nazzjonali u/jew Ewropew, bil-għan li jitħaffu l-proċeduri ta' verifika tal-kunsens għad-donazzjoni ta' organi;
18. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jiffavorixxu l-inklużjoni, fuq il-karta tal-identità nazzjonali jew fuq il-liċenzja tas-sewqan, ta' referenzi jew simboli li jippermettu l-identifikazzjoni tad-detentur bħala donatur ta' organi;
19. Jistieden, b'konsegwenza ta' dan, lill-Istati Membri biex itejbu l-għerf u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tal-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u tal-gruppi ta' appoġġ għall-pazjenti fir-rigward tat-trapjant ta' organi; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jieħdu sehem f'dan l-isforz bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika dwar il-possibbiltà ta' donazzjoni ta' organi u, fl-istess ħin, jitqiesu l-partikolaritajiet kulturali ta' kull Stat Membru;
20. Jistieden lill-Istati Membri biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tad-donazzjoni minn persuni mejta billi jistabbilixxu sistemi effiċjenti għall-identifikazzjoni tad-donaturi ta' organi u billi jipromwovu l-ħatra ta' koordinaturi tad-donaturi tat-trapjanti fl-isptarijiet tal-Ewropa

kollha; jitlob lill-Istati Membri biex jevalwaw u jagħmlu użu aktar frekwenti tal-organi ta' donaturi 'marġinali' (jiġifieri donaturi ta' età akbar jew dawk li jbatu minn ċertu mard), bl-użu tal-ogħla standards ta' kwalità u ta' sikurezza permezz, partikolarment, tal-avvanzi bijoteknoloġiċi reċenti li jillimitaw ir-riskju ta' rifjut tal-organi trapjantati;

21. Iqis li jeħtieġ li jinstab bilanċ armonjuż bejn, minn naħa, il-ħarsien tad-donaturi f'termini ta' anonimat u riservatezza u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li tiġi determinata l-orijini tad-donazzjonijiet ta' organi għal finijiet mediċi, bil-għan li tiġi evitata r-remunerazzjoni, legali jew illegali, għad-donazzjoni tal-organi;
22. Jenfasizza li d-donazzjoni minn persuni ħajjin għandha titqies bħala kumplimentari għad-donazzjonijiet postmortem; jagħti parir lill-Istati Membri biex id-donazzjoni minn persuni ħajjin tkun permessa biss fost il-membri tal-familja, familjari mill-viċin, bejn il-konjuġi u l-persuni ma' min id-donatur għandu relazzjoni personali mill-qrib, minħabba l-periklu impliċitu ta' sfruttament; jinsisti li speċjalment dawk l-Istati Membri li jestendu d-donazzjonijiet minn persuni ħajjin għal gruppi fejn ma teżistix relazzjoni personali għandu jkollhom fis-seħħ regolamenti stretti biex jipprevjenu li tkun eżerċitata kwalunkwe tip ta' pressjoni jew li jsir ħlas għad-donazzjoni;
23. Jisħaq fuq il-fatt li d-donaturi ħajjin għandhom ikunu ttrattati skont l-ogħla standards mediċi u ma għandhom iġorru l-ebda piż finanzjarju meta tinqala' problema medika kkawżata mill-proċess tat-trapjant, u għandu jiġi evitat kull telf ta' dħul bħala konsegwenza tat-trapjant jew ta' kwalunkwe problema medika. Id-donaturi għandhom jiġu protetti kontra d-diskriminazzjoni fis-sistema soċjali;
24. Iqis li r-regoli kollha dwar is-sistema tat-trapjanti (allokazzjoni, aċċess għas-sistemi tat-trapjanti, dejta tal-attivitajiet, eċċ.) għandhom ikunu pubbliċi u kkontrollati sew, bil-għan li tkun evitata kwalunkwe diskriminazzjoni mhux ġustifikata f'termini ta' aċċess għal-listi ta' stennija għal trapjanti u/jew għal proċeduri terapewtiċi;
25. Jinnota li, minkejja li bosta Stati Membri introduċew ir-reġistrazzjoni obligatorja tal-proċeduri tat-trapjanti u xi reġistri fuq bażi volontarja jeżistu wkoll, ma teżisti l-ebda sistema komprensiva biex tiġbor id-dejta dwar it-tipi differenti ta' trapjant u l-eżiti tagħhom;
26. Jappoġġa bil-qawwa għalhekk il-ħolqien ta' reġistri, kemm nazzjonali, kif ukoll fuq livell tal-UE, u l-istabbiliment ta' metodoloġija biex tqabbel ir-riżultati tar-reġistri eżistenti għas-segwitu ta' wara t-trapjanti tar-riċevituri tal-organi f'konformità mal-qafas ġuridiku Ewropew eżistenti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali;
27. Jappoġġa l-ħolqien ta' reġistri, kemm nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-UE, dwar is-segwitu ta' donaturi ħajjin, bl-iskop li jiżguraw aħjar il-ħarsien ta' saħħithom;
28. Jenfasizza li kwalunkwe sfruttament ta' organi għal skopijiet kummerċjali li jċaħħad l-aċċess ekwu għat-trapjanti jmur kontra l-etika, huwa inkonsistenti mal-valuri l-aktar bażiċi tal-bniedem, jikser l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u huwa projbit skont l-Artikolu 3(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;



29. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iskarsezza ta' organi hija marbuta f'żewġ modi mattraffikar ta' organi u ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi; l-ewwel nett, iż-żieda fid-disponibbiltà ta' organi fl-Istati Membri tkun tikkontribwixxi għal titjib fis-sorveljanza ta' dawn il-prattiki, billi jiġi evitat kull bżonn taċ-ċittadini Komunitarji li jikkunsidraw li jfittxu organu barra mill-UE, u t-tieni nett, l-attività illegali tikkomprometti bil-kbir il-kredibbiltà tas-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi;
30. Itenni r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ ta' organi fir-rapport Adamou dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' organi<sup>1</sup> u hu tal-fehma li dawn għandhom jitqiesu bis-sħiħ mill-Kummissjoni hija u tfassal il-pjan ta' azzjoni; jinsisti li għandha tiżdied is-sensibilizzazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni u l-Europol fir-rigward ta' din il-problema;
31. Jenfasizza l-importanza tal-Assemblea Dinjija dwar is-Saħħa li se ssir f'Mejju 2010 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex, fuq livell tad-WHO, jiġġieldu bil-qawwa favur il-prinċipju ta' donazzjoni volontarja u bla ħlas;
32. Jilqa' l-istudju konġunt bejn il-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti dwar it-traffikar ta' organi, tessuti u ċelloli u t-traffikar tal-bnedmin bil-għan li jitneħħulhom l-organi;
33. Josserva r-rapport ta' David Matas u David Kilgour dwar il-qtil tal-membri tal-Falun Gong għall-organi tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar dawn l-allegazzjonijiet, flimkien ma' każijiet oħra simili, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;
34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmu biex jevitaw sitwazzjoni li fiha l-professjonisti, l-istituzzjonijiet jew il-kumpaniji tal-assigurazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa jħeġġu liċ-ċittadini tal-Unjoni jixtru organu f'pajjiż terz permezz ta' Prattiki li jinvolvu t-traffikar ta' organi jew ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jissorveljaw każijiet ta' din ix-xeħta li jseħħu fit-territorji tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jevalwaw l-introduzzjoni ta' miżuri leġiżlattivi, fosthom sanzjonijiet li japplikaw għal persuni li jippromwovu u/jew jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn;
35. Jirrifjuta bil-qawwa l-imġiba ta' ċerti organizzazzjonijiet tal-assigurazzjoni fil-qasam tas-saħħa li ħeġġew lill-pazjenti biex jipparteċipaw fit-turiżmu tat-trapjanti u jitlob lill-Istati Membri biex jissorveljaw bir-reqqa u jikkastigaw din l-imġiba;
36. Jenfasizza li l-pazjenti li rċevew organu f'ċirkostanzi illegali ma jistgħux jiġu esklużi mill-kura tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, bħal f'kull każ ieħor, għandha ssir distinzjoni bejn il-piena għal attività illegali u l-bżonn ta' trattament;
37. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni ta' bejniethom taħt l-awspiċċi tal-Interpol u tal-Europol sabiex jindirizzaw il-problema tattraffikar tal-organi b'mod iktar effikaċi;
38. Jagħraf li t-titjib tal-kwalità u s-sikurezza tad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi huwa

---

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2008 dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' Organi: Azzjonijiet politiċi fil-livell tal-UE (Testi adottati f'dik id-data, P6\_TA(2008)0130) (2007/2210(INI)).

assolutament importanti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan se jkollu riperkussjonijiet fuq it-tnaqqis tar-riskji tat-trapjanti u konsegwentement jitnaqqsu l-effetti negattivi; jirrikonoxxi li l-azzjonijiet fil-qasam tal-kwalità u s-sikurezza jistgħu jkollhom riperkussjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' organi u viċiversa; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji biex tiżdied il-kwalità u s-sikurezza;

39. Jenfasizza li kooperazzjoni tajba bejn il-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-awtoritajiet nazzjonali hija meħtieġa u tipprovdi valur miżjud;
40. Jagħraf ir-rwol importanti li għandha l-kura ta' wara t-trapjant, inkluż l-użu xieraq ta' terapiji kontra r-rifjut tal-organu, sabiex jirnexxi t-trapjant; jirrikonoxxi li l-aqwa użu ta' terapiji kontra r-rifjut tal-organu jista' jissarraff f'titjib fit-tul tas-saħħa tal-pazjenti, f'sopravivenza tal-organu trapjantat u, b'hekk, f'disponibbiltà usa' ta' organi minħabba t-tnaqqis fil-bżonn għal trapjant mill-ġdid, u jsostni li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-pazjenti jkollhom aċċess għall-aħjar terapiji disponibbli;
41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

### INTRODUZZJONI

Ir-rebbieħ tal-Premju Nobel Joseph Murray kien l-ewwel li rrapporta trapjant tal-kliewi li rnexxa bejn tewmin identiċi, li sar fl-1954. Min dak iż-żmien, it-trapjant ta' organi sar progressivament terapija kkonsolidata sew b'importanza inekwivoka. It-trapjant tal-kliewi jirrappreżenta l-aqwa għażla terapewtika għall-pazjenti li jbatu minn mard renali fi stadju finali u tipprovdi l-aqwa eżiti f'termini ta' sopravivenza, kwalità tal-ħajja u effikaċja mil-lat ekonomiku meta mqabbel ma' terapiji oħra ta' sostituzzjoni renali. F'analiżi metanalitika tal-letteratura medika u ekonomika li tevalwa t-terapiji ta' sostituzzjoni renali, ippublikata fuq perjodu ta' 20 sena, l-awturi kkonkludew li maż-żmien it-trapjant renali sar aktar ekonomikament vantaġġjuż. Filwaqt li l-emodjaliżi ċentrali baqgħet bejn \$55,000 u \$80,000 għal kull sena ta' ħajja (LY) salvata, it-trapjant tal-kliewi laħaq ċifri ta' \$10,000/LY salvata<sup>1</sup>.

It-trapjant tal-fwied, tal-qalb u tal-pulmun jirrappreżenta alternattiva terapewtika kważi unika għall-pazjenti li jbatu minn insuffiċjenza epatika, kardijaka u pulmonari fi stadju finali, għalkemm it-trapjant tal-fwied ġie applikat ukoll għat-trattament ta' patoloġiji speċifiċi li ma jikkawżawx insuffiċjenza epatika fi stadju finali. It-trapjant tal-frixa, fil-modalitajiet differenti tiegħu, sar soluzzjoni biex terġa' tiġi stabbilita l-produzzjoni tal-insulina f'pazjenti dijabetiċi magħżula li l-għan tiegħu huwa dak li jtejjeb is-sopravivenza tal-pazjenti u l-kwalità ta' ħajjithom. It-trapjant tal-imsaren iż-żgħar, li normalment isir bħala parti minn trapjanti ta' ħafna organi, għadu proċedura relattivament rara, iżda bl-għan li jissolvew kundizzjonijiet b'riskju għall-ħajja.

Maż-żmien, ir-riżultati tat-trapjanti ta' organi tjebu progressivament ukoll, bis-saħħa tal-progress fit-tekniki kirurġiċi, id-disponibbiltà ta' mediċini immunosoppressivi ġodda u esperjenza itwal tat-timijiet tat-trapjanti kirurġiċi u mediċi. Skont ir-rapport annwali tal-2006 tal-OPTN/SDRD, fl-Istati Uniti, ir-rata ta' sopravivenza mhux aġġustata tat-trapjant wara sena, tliet snin u ħames snin kienet 91%, 80%, u 70% rispettivament, għar-riċevituri ta' kliewi minn donaturi mejta mhux marġinali li sarulhom trapjanti matul il-perjodu 1999-2004. Għall-istess perjodu ta' segwitu, ir-rata ta' sopravivenza mhux aġġustata tat-trapjant għar-riċevituri ta' kliewi minn donaturi marġinali kienet 82%, 68%, u 53%.

It-titjib maż-żmien jidher evidenti wkoll fir-rigward tas-sopravivenza tal-pazjent wara t-trapjant tal-fwied. Pereżempju, ir-rata ta' sopravivenza wara 3 snin ta' pazjent kienet 47.2% għall-pazjenti sottoposti għal trapjant fil-perjodu 1984-1987, li telgħet għal 76.6% għal dawk il-pazjenti li rċewew fwied matul il-perjodu 2003-2005, skont ir-Reġistru Spanjol tat-Trapjanti tal-Fwied. Ir-Reġistru Ewropew tat-Trapjanti tal-Fwied fassal ċifri simili ta' titjib. Filwaqt li r-rata ta' sopravivenza tal-pazjent u tat-trapjant wara 10 snin kienet 36% u 31% rispettivament għat-trapjanti tal-fwied li saru fil-perjodu 1968 u 1988, iċ-ċifri korrispondenti kienu 60% u 51% għat-trapjanti li saru wara s-sena 1988.

Il-half-life ta' pazjenti adulti bi trapjant tal-qalb matul is-snin 1982 sa 1988 kien 8.2 snin, li telgħet għal 10.2 snin għal dawk il-pazjenti li rċewew it-trapjanti tagħhom matul il-perjodu 1994 sa 1998 u ċ-ċifri relatati mas-sopravivenza jkomplu jitjiebu, skont ir-Reġistru Internazzjonali tat-Trapjant tal-Qalb u tal-Pulmun.

---

<sup>1</sup> Dott. Rafael Matesanz u Beatriz Dominguez-Gil, "Strategies to optimize deceased organ donation" *Transplantation Reviews*, volum 21, ħarġa 4, Ottubru 2007, paġni 177-188.

Madankollu, ħafna problemi għandhom jiġu solvuti fil-qasam tat-trapjant ta' organi: f'terminu ta' żmien twil, il-biċċa l-kbira tal-organi trapjantati jintilfu minħabba l-hekk imsejjaħ rifjut kroniku u l-mewt bi trapjant funzjonanti, li jiġri prinċipalment fil-kuntest ta' patoloġija kardjovaskulari. Barra minn hekk, il-konsegwenzi f'terminu ta' żmien qasir u twil tal-immunosoppressjoni jnaqqsu il-tul u l-kwalità ta' ħajja tar-riċevituri ta' organi.

Minkejja dawn il-problemi, it-trapjant ta' organi jiffaċċja ostaklu bikri ħafna rrappreżentat minn firda importanti li teżisti bejn in-numru ta' pazjenti jistennew trapjant u n-numru ta' pazjenti li tassew huma sottoposti għal trapjant. Dan hu dovut għall-iskarsezza ta' organi għal trapjant meta mqabbel mad-domandi għall-organi. Filwaqt li n-numru ta' pazjenti mdaħħla fil-lista ta' stennija qiegħed jogħla, ir-rata ta' donazzjoni u n-numru ta' organi disponibbli għal trapjant mhijiex qiegħda togħla jew qiegħda titjeb b'ritmu iktar baxx.

Ir-riżultat ta' iżjed pazjenti mniżżla fil-lista ta' stennija b'żieda ċkejna fin-numru ta' pazjenti sottoposti għal trapjant huwa żmien itwal fil-lista ta' stennija. Iż-żmien ta' stennija għal trapjant tal-kliwi jiswa l-flus u aktarx ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq is-sopravivenza tat-trapjant u tal-pazjent. Barra minn dan, in-numru ta' pazjenti li jistgħu jmutu huma u jistennew trapjanti jista' wkoll jogħla. L-iskarsezza ta' organi għal trapjant għadha mhix qiegħda tingħata l-importanza li jistħoq qilha billi din tista' tipprekludi lit-tobba milli jdaħħlu iktar pazjenti fil-listi ta' stennija.

F'dan il-kuntest, l-iskarsezza gravi ta' organi tirrappreżenta sfida universali fil-qasam tat-trapjanti ta' organi, li għandha tingħeleb fl-ambitu ta' approċċ ippjanat u integrat.

## IL-PROĊESS TAD-DONAZZJONI WARA L-MEWT TAL-MOĦĦ

L-attività tad-donazzjoni minn persuni mejta hija bbażata primarjament fuq id-donazzjoni wara l-mewt tal-moħħ. Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din is-sitwazzjoni sseħħ f'mhux aktar minn 1% tal-persuni mejta u mhux aktar minn 3% tal-persuni li jmutu l-isptar.

Għaldaqstant, in-numru ta' donaturi potenzjali b'mewt tal-moħħ huwa limitat. Filwaqt li jittieħed kont ta' din il-limitazzjoni, il-potenzjal ta' donazzjoni minn persuni mejta wara l-mewt tal-moħħ huwa diffiċli biex jintlaħaq, billi d-donazzjoni u l-ksib ta' organi huma proċess delikat u kumpless ħafna li jeħtieġ kooperazzjoni ta' bosta atturi li f'kull żmien tista' ma tinżammx. Il-proċess kollu għandu saħansitra jsir b'perjodu ta' żmien qasir ħafna u dan iżid id-dgħufija ta' dan il-proċess. F'dan il-proċess jistgħu jiġu identifikati bosta fażijiet bażiċi:

- **Identifikazzjoni tad-donatur:** Kull donatur potenzjali għandu jiġi identifikat fl-aktar fażi bikrija kemm jista' jkun. Din l-identifikazzjoni bikrija se tiffaċilita l-eżami u ż-żamma tad-donaturi, iżda bla dubju timplika attitudni proattiva f'din l-ewwel fażi kruċjali.
- **Eżami tad-donatur:** Ir-riskju ta' trażmissjoni ta' marda gravi mit-trapjant ta' organu (neoplasija, infezzjoni) mid-donatur għar-riċevitur għandu jitnaqqas kemm jista' jkun. Madankollu, jeħtieġ jiġi żgurat li jiġu skartati esklussivament daww l-organi li ġew iddikjarati hekk, b'hekk jiġi evitat telf inġustifikat ta' organi.
- **Żamma tad-donatur:** Huwa essenzjali li l-organi miksuba jinżammu f'kundizzjonijiet adegwati qabel l-irkupru. Iż-żamma tal-qagħda fiżjoloġika tad-donatur potenzjali waqt li jkun qiegħed f'kura intensiva u tad-donatur qabel u matul l-irkupru tista' tagħmel differenza kbira fil-kundizzjonijiet tal-organi. Żamma tad-donaturi inadegwata tista' twassal biex l-organi ma jkunux jistgħu jintużaw jew iżżid l-inċidenza ta' trapjanti primarji li ma rnexxewx.
- **Kunsens/awtorizzazzjoni:** Il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni xierqa għandhom jinkisbu qabel jitneħħew l-organi. Biex jinkiseb il-kunsens il-pajjiżi għandhom

rekwiżiti ġuridiċi differenti: filwaqt li xi pajjiżi japplikaw il-kunsens preżunt (jew l-approċċ "opting-out"), f'oħrajn il-kunsens speċifiku (jew l-approċċ "opting-in") għandu jiġi espress.

- **Irkupru tal-organi:** It-teknika kirurġika għat-tneħħija tal-organi mill-ġisem u l-mod li bih dawk l-organi huma sussegwentement immaniġġati u ppreżervati qabel u matul it-trapjant huma fundamentali għall-eżitu pożittiv tat-trapjant. Kull sena, numru ta' organi ssirilhom il-ħsara matul it-tneħħija u/jew it-trapjant. Ftit minnhom jistgħu jissewwew, iżda wħud iridu jintremew. Il-koordinament tal-attivitajiet ta' rkupru huwa meħtieġ biex jiġi garantit is-suċċess tal-proċess.
- **Allokazzjoni tal-organi:** Għal ċerti organi, partikolarment il-kliwi, il-qalb u l-organi pedjatriċi, l-eżitu pożittiv fit-tul tat-trapjant jiddependi parzjalment mill-iżgurar ta' kompatibbiltà xierqa bejn id-donatur u r-riċevitur. Hija importanti sistema organizzata tajjeb għall-allokazzjoni u t-trasport ta' organi mogħtija bl-aktar mod adegwat. F'xi każijiet, l-aqwa allokazzjoni teħtieġ skambju ta' organi bejn l-organizzazzjonijiet responsabbli mit-trapjanti u l-pajjiżi. Il-koopereazzjoni bejn il-pajjiżi qiegħda, kulma jmur, iżżid fl-importanza.

Faċli li dak li jkun jifhem li l-proċess ta' donazzjoni u trasport wara l-mewt tal-moħħ huwa delikat, kumpless u twil. Jeħtieġ il-parteċipazzjoni ta' professjonisti ferm differenti u f'kull waħda mill-fażijiet fil-proċess, jista' potenzjalment iseħħ telf tad-donatur u/jew tal-organi. FI-UE jeżistu differenzi kbar fir-rati ta' donazzjoni u trapjant ta' organi, li jvarjaw minn 34-35 donatur għal kull miljun tal-popolazzjoni fi Spanja sa 1.1 pmp fil-Bulgarija u dawn id-differenzi ma jistgħux jiġi spjegati faċilment u huwa ċar li xi mudelli organizzattivi sejrjn aħjar meta mqabbla ma' oħrajn. Il-koopereazzjoni bejn l-Istati Membri għandha tiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-aktar sistemi effiċjenti, il-qsim ta' esperjenzi u l-promozzjoni tal-aħjar prassi kif ukoll is-sostenn għall-Istati Membri b'sistemi tat-trapjanti li għadhom mhux żviluppati biżżejjed.

Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti għall-perjodu 2009-2015, jistabbilixxi approċċ ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' ġabra ta' azzjonijiet ta' prijorità, l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' għanijiet komuni, indikaturi u punti ta' referenza kwantitattivi u kwalitattivi maqbula, rapporti regolari u l-identifikazzjoni tal-aħjar prassi.

29.1.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar ir-Rapport dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri"  
(2009/2104(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Lichtenberger

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-bżonnijiet tal-pazjenti għal trapjant fl-Ewropa mhumiex qegħdin jiġu ssodisfati minħabba n-numru limitat ta' organi disponibbli kemm minn donaturi mejtin kif ukoll minn donaturi altruwisti ħajjin,
- B. billi l-politiki nazzjonali u l-qafas regolatorju għad-donazzjonijiet u għat-trapjant ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri skont il-fatturi ġuridiċi, kulturali, amministrattivi u organizzattivi differenti,
  1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fost ħwejjeġ oħra, tivverifika mid-dejta li tinsab fil-valutazzjoni tal-impatt (SEC(2008)2956) tagħha stess, jekk id-diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar is-sistemi differenti ta' kunsens għal donazzjoni minn persuna mejta jikkostitwixxux ostaklu għad-donazzjoni tal-organi;
  2. Jitlob lill-Istati Membri biex janalizzaw il-vantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' sistema ta' donazzjonijiet ta' kunsens preżunt' bħala mezz biex ikunu jistgħu jsiru ħafna aktar trapjanti tal-organi; iqis li sistema bħal din tħares bis-sħiħ il-libertà ta' kunsens tad-donaturi, billi ċ-ċittadini jistgħu jagħżlu jibqgħux fis-sistema jew joħorġux minnha;
  3. Jisħaq fuq il-fatt li kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-Istati Membri hija vitali; jissuġġerixxi li l-iskambji tal-aħjar Prattiki fil-qasam tad-donazzjoni u tat-trapjanti għandhom jiżiedu; jitlob lill-Istati Membri biex iqisu t-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq it-trasport transkonfinali ta' organi; iqis li l-eżistenza fost l-Istati Membri ta' sistema

RR\810716MT.doc

PE430.960v01-00

flessibbli għat-trapjant, skambju, importazzjoni u esportazzjoni tal-organi tista' ssalva ħafna nies billi tippermettilhom isibu donaturi adegwati;

4. Jenfasizza l-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-donazzjoni u t-trapjant tal-organi, billi din tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni tad-donaturi tal-organi u b'hekk tiżdied id-disponibilità tal-organi; f'dan is-sens, jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri kif ukoll lis-soċjetà ċivili biex isaħħu b'mod strutturali l-promozzjoni tad-donazzjoni tal-organi;
5. Jemmen li huwa meħtieġ li jiġi garantit li jinstab bilanċ adegwat bejn, minn naħa, il-protezzjoni tad-donaturi f'termini ta' anonimat u riservatezza u, min-naħa l-oħra, l-abbiltà li jiġu rintraċċati d-donazzjonijiet tal-organi għal skopijiet mediċi, bil-għan li jiġu evitati r-remunerazzjoni għad-donazzjoni tal-organi kif ukoll il-kummerċ u t-traffikar tal-organi;
6. Jenfasizza li t-traffikar tal-organi, il-kummerċjalizzazzjoni tat-trapjanti u t-turiżmu tat-trapjanti jiksru l-prinċipji ta' ekwità, ġustizzja u rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u jippreġudikaw l-etika tad-donazzjoni altruwistika;
7. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni ta' bejniethom taħt l-awspiċċi tal-Interpol u tal-Europol sabiex jindirizzaw il-problema tat-traffikar tal-organi b'mod iktar effikaċi;
8. Jemmen li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-organi ma għandhiex tibqa' r-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea biss. L-Istati Membri wkoll għandhom jieħdu miżuri għal dak il-għan, fosthom li jnaqqsu d-domanda, jippromwovu d-donazzjoni ta' organi b'mod iktar effikaċi, iżommu leġiżlazzjoni stretta fir-rigward tad-donaturi ħajjin li ma jkunux familjari, jiggarrantixxu t-trasparenza tar-reġistri nazzjonali u tal-listi ta' stennija, jistabbilixxu r-responsabbiltà ġuridika tal-professjoni medika għar-rintraċċar tal-irregolaritajiet kif ukoll jaqsmu l-informazzjoni;
9. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu proċeduri operattivi standard għar-rintraċċar ta' attivitajiet illegali u li jmorru kontra l-etika u għal-limitazzjoni tar-riskju ta' attivitajiet bħal dawn, partikolarment b'rabta mad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-ksib u tat-trapjant ta' organi.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.1.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Diana Wallis, Cecilia Wikström
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Piotr Borys, Sajjad Karim, Vytautas Landsbergis, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Toine Manders, Arlene McCarthy



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.3.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 58 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Nick Griffin, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Daciana Octavia Sárbu, Horst Schnellhardt, Giancarlo Scottà, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Christofer Fjellner, Matthias Groote, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Alojz Peterle, Giancarlo Scottà, Michail Tremopoulos, Anna Záborská
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Josefa Andrés Barea, Dieter-Lebrecht Koch, Markus Pieper